# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI PRELIMINARI NRU 2509

**Kaz Nru : 3393/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Antoinette Farrugia detentrici karta ta' l-identita numru 433793(M)**

**u**

**Optical (CCSG) Company Limited &**

**Classic Group**

***dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta***

**Chairman : Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 14 ta' Frar, 2018**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellanti Antoinette Farrugia fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar l-24 t'Awwissu, 2015, fejn sostniet li l-impjieg taghha ma giex itterminat effettivament fuq bazi ta' *redundancy*, izda ghal ragunijiet ohra li jiksru l-ligi. Is-Socjeta' ntimata Optical (CCSG) sostniet li l-Appellanti kienet giet *redundant*. Classic Group  min-naha l-ohra sostniet li l-Appellanti qatt ma kienet impjegata maghha.

It-Tribunal kien ordna li qabel ma jigi ttrattat il-mertu tat-temm tal-impjieg tal-Appellanti, preliminarjament kellu jigi deciz jekk dak li sehh bejn iz-zewg kumpaniji ntimati u l-MIA kienx jikkostitwixxi ' Trasferiment ta' Negozju'.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, fejn sema' x-xhieda mressqa min-nahat involuti, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fis-sottomissjonijiet tal-avukati difensuri.

- **Rapprezentanza**

Antoinette Farrugia li minn issa l-quddiem ser tissejjah l-Appellanti kellha l-assistenza ta' Dr. Yanika Vidal.

Ghall-Optical deher Stefan Stilon assistit minn Dr. Josette Grech u Dr. Veronica Perici Calascione u ghal Classic deher Paul Fenech assistit minn Dr. Kevin F. Dingli.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellanti kienet giet ingaggata mall-kumpanija Optical nhar l-1 ta' Jannar 2010, bhala *Optical Sales Assistant.* Optical kienet topera minn koncessjoni fl-ajruport u li kienet mikrija lilha mill-MIA sabiex tbiegh kategorija partikolari ta' ogetti.

Dan l-impjieg kien gie fi tmiemu minn mall-Optical minhabba *redundancy* nhar is-26 t'April, 2015, u dan peress li l-MIA ma kinitx estendiet il-ftehim sabiex il-kumpanija setghet tibqa' topera dan il-*business concern* mil-lok fejn kienet. Hija kienet giet pre-avvizata b'dan permezz ta' ittra datata 8 ta' Dicembru, 2014.

L-Appellanti kienet giet offruta mpjieg izda b'kundizzjonijiet inferjuri mill-kumpanija Classic, li kienet inghatat il-kuntratt sabiex tibda topera l-istess bejgh ta' kategorija ta' oggetti mil-lok li kienet topera minnu l-Optical. Hija ma kinitx qablet mat-tnaqqis fil-kundizzjonijiet tax-xoghol taghha u konsegwentament ma gietx impjegata ma' Classic.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet**

**Dr. Veronica Perici Calascione** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata Optical (CCSG) Co. Ltd., bdiet billi tat spjegazzjoni ta' min huma t-tlett azzjonisti li jiffurmaw il-kumpanija Optical, u fejn kull azzjonist ghandu terz ta' din is-socjeta'. Spjegat ukoll li Classic huma wiehed minn dawn l-azzjonisti.
Hija spjegat li Optical kienet tiggestixxi n-negozju taghha fl-MIA permezz ta' kuntratt li kien jiskadi fil-31 ta' Dicembru, 2014.
Dr. Perici Calascione spjegat li Optical ippruvat tinnegozja mall-MIA sabiex dan il-kuntratt jiggedded u dan waqt li l-MIA kienet ghaddejja f'negozjati separati ma' Classic. Hija kompliet li tali trattattivi min-naha tal-MIA wasslu li Optical ma rebhitx it-*tender* jew il-process tal-ghazla u Classic ha t-tender il-gdid.
Dr. Perici Calascione spjegat li in seguito ta' dan Optical kienet baghtet ittra lir-rikorrenti u l-impjegati l-ohra li l-impjieg taghhom minn ma' Optical kien ser jigi terminat a bazi ta' *redundancy* u dan ghaliex bhala kumpanija ma kinitx ser tibqa' topera fl-MIA ghaliex il-kuntratt ma kienx gie mgedded.
Dr. Perici Calascione spjegat li ghalkemm iz-zewg entitajiet u cjoe Optical u Classic kienu joperaw vicin hafna xulxin, l-operat taghhom kien distint, kemm mil-lat ta' *Cash registers*, *VAT registration numbers* u anke mil-lat ta' Staff.

Dr. Perici Calascione spjegat min dak li rrizulta ma kienx hemm tehid ta' kontroll tal-kumpanija Optical tant li din waqfet topera u qieghda fi stat ta' likwidazzjoni. Dr. Perici Calascione spjegat li kienu l-MIA li ddettaw li Classic ibieghu n-nuccalijiet u li l-kategorija tal-Optical tkun inkorporata ma' kuntratt differenti. Dr.Perici Calascione ikkonkludiet billi kkonfermat illi li kieku Optical rebhet it-tender, huma kienu jibqghu joperaw u li r-rikorrenti ma baqghitx impjegata ta' Optical ghaliex din tilfet it-tender u ma baqghitx topera.

**Dr. Kevin F Dingli** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata Classic Group , beda biex qal li wiehed irid joqghod attent xi tfisser il-frazi '*transfer of business*' u dan fil-kuntest ta' kif jopera l-MIA fejn din ma tippermettix li jkollok operaturi ibieghu l-istess oggetti. Igifieri spjega Dr. Dingli ma jkollokx zewgt'ihwienet tan-nuccalijiet tax-xemx, jew tlett ihwienet bil-gojjellerija.
Dr. Dingli spjega li l-kuntratt li l-MIA kellha ma' Optical kellu terminu u fil-fatt dan kien ghalaq fil-31 ta' Dicembru, 2014, u li l-MIA ma kienux obbligati illi jergghu jinnegozjaw l-istess kuntratt ma' Optical. Kienu fil-liberta kompla Dr. Dingli li jew igeddulhom (xi haga li ma ghamlux) jew inkella jaraw lil min ifittxu kundizzjonijiet ahjar.
Dr. Dingli spjega li kienet l-MIA li ddecidiet li taghti dan l-ispazju sabiex jinbieghu nuccalijiet lill-Classic. Setghu taw dik il-kategorija lil chiunque nkluz lill-Optical, tenna l-Avukat.
Dr. Dingli nsista li l-fatt li l-MIA tat l-istess kategorija li qabel kienet ghand Optical lill-Classic u dan b'kuntratt gdid, dak m'huwiex '*transfer of business*'.
Dr. Dingli qal li l-premessa li min-naha tar-rikorrenti li sar 'transfer of business' hija bazata fuq il-fatt li Classic kellha terz mill-kumpanija Optical, u staqsa allura li kieku din il-koncessjoni nghata li xi hadd iehor allura hadd ma kien ser jghid li sar '*transfer of business*' ?
Dr. Dingli sostna li n-negozjati ta' Classic saru biss mall-MIA u mhux ma' Optical u allura dak li sehh m'huwiex '*transfer of business*'.
Huwa ghalaq billi enfasizza li l-fatt illi l-istess generu ta' negozju kien is-sugett tal-kuntratt ghax hekk kellu jkun ghaliex l-MIA kellha vacancy biex xi hadd ibiegh in-nuccalijiet ma jfissirx li kien hemm *transfer of business*.

**Dr. Yanika Vidal** ghan-nom tal-Appellanti bdiet it-trattazzjoni taghha billi ghamlet referenza ghal Subsidiary Legislation 452.85 rigward transfer of business, fejn fit-test bl-ingliz hemm li '*means a transfer of an undertaking which retains its identity as an organised group of resources having the objective of pursuing an economic activity and shall include a service provision change in accordance with these regulations*'.
Dr. Vidal sostniet li x-xhieda ta' George Mallia tal-MIA fejn qal li kienet ittiehdet id-decizjoni li l-kategorija tal-Optical tigi nkorporata ma' kuntratt differenti, tikkombacja ferm ma' din il-legislazzjoni.

- **Decizjoni**

Sabiex jasal ghal-decizjoni jekk dak li sar bejn iz-zewg entitajiet intimati u l-MIA ghandux ikun meqjus bhala 'trasferiment ta' negozju', t-Tribunal fela bl-attenzjoni dovuta l-fatti kollha kif gew sponuti sa issa matul dan il-process. U dan b'mod partikolari erba' fatturi li jiffurmaw parti mportanti minn dawn il-fatti.

Dawn kienu :

- Ix-xhieda ta' George Mallia (*Head of Retail & Property- MIA*).
- Ix-xhieda ta' Stefan Stilon (Direttur Optical CCSG) b'mod partikolari fejn stqarr li kellhom '**interess car u ntenzjoni illi nkomplu bl-istess operazzjoni**…', ukoll fejn qal li ' **d-dirigenti tal-MIA kienu ghazlu lill-offerta kompetitrici ta' Classic Group…**' u li '**B'konsegwenza ta' din id-decizjoni mehuda mill-MIA, Optical CCSG thalliet minghajr ebda ghazla ohra hlief li tinforma lill-impjegati kollha taghha illi l-hanut kien ser jaghlaq**'.
- Li Optical (CCSG) Ltd., ma baqghetx toffri s-servizzi kummercjali taghha mill-MIA wara li permezz ta' proceduri ta' *tender* jew negozjar ta' offerti, l-ispazju li kien mikri lilha sabiex jibqa' jsir l-istess kategorija ta' bejgh gie mghoddi lill-Classic Group.
- Il-ftehimiet li kienu gew iffirmati separatament bejn iz-zewg kumpaniji (Optical CCSG/Classic Group) u l-MIA u li permezz ta' tali ftehimiet kien gie mikri lilhom spazju minn fejn joffru s-servizzi kummercjali taghhom f'kategoriji kif indikati mill-MIA.

It-Tribunal analizza bir-reqqa dovuta l-kontenut ta' dawn il-fatturi u dan ghamlu fl-inkwadratura tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.85 Art 3 (1), ' Regolamenti Dwar Harsien tal-Impiegi Fit-Trasferiment Ta' Negozju'.

B'rizultat ta' din l-analizi, t-Tribunal jiddeciedi li dak li sar bejn iz-zewg kumpaniji u l-MIA fih l-elementi necessarji li jikkostitwixxu 'Trasferiment ta' Negozju'.

Sussegwentament jordna l-prosegwiment tal-kaz.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**